MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR.
## PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 39/2006

Agnes mart Henry Zammit

vs

Joseph Xuereb;

Publius Xuereb;

Mary Cauchi;

Michael Xuereb, f'ismu proprju
Kif ukoll bħala mandatarju ta'
Oħtu msiefra Tarcisia Camilleri.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi, wara li ppremettiet illi:

1. Illi Anthony Xuereb, li jiġi missier il-partijiet, miet fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sittin (1965), ċertifikat tal-mewt hawn anness u markat bħala dok 'A' ;

2. Illi d-decujus rregola suċċessjoni tiegħu in forza ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Galea tat-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tlieta u sittin (1963), kopja tar-riċerki testamentarji u tat-testment hawn annessi u markati bħala dokti 'B', 'C' u 'D' rispettivament kif ukoll qed tiġi annessa kopja tad-denunzja tas-suċċessjoni ta' Anthony Xuereb markata bħala Dok 'E';

3. Illi Maria Assunta ġia armla ta' Anthony Xuereb li tiġi omm il-partijiet mietet fit-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003), ċertifikat tal-mewt hawn anness u markat bħala Dok 'F' u l-imsemmija Maria Assunta Xuereb mietet intestata u allura wirtuha s-sitt uliedha fi kwoti indaqs bejniethom, kopja tar-riċerki testamentari hawn annessi u markati bħala Dokti 'G' u 'H'. Illi qed jiġu wkoll annessi tlett dikjarazzjonijiet causa mortis it-tlieta fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tat-tmintax (18) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) markati bħala Dokti 'I', 'J' u 'K' rispettivament;

4. Illi r-rikorrenti ma tixtieqx tibqa' fi stat ta' komunjoni flimkien ma' l-intimat tal-beni provenjenti lilhom mill-wirtijiet u suċċessjonijiet fuq imsemmija tal-ġenituri Anthony u Maria Assunta konjuġi Xuereb u anke interpellat lill-intimati permezz ta' ittra uffiċċjali datata 6 ta' Marzu 2006 hawn annessa u markata bħala Dok 'L' iżda inutilment.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tillikwida l-beni ġia formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-mejtin Anthony u Maria Assunta konjuġi Xuereb billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk il-beni u assi li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2. Tiddividi din il-komunjoni ta’ l-akkwisti f’żewġ porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi partikolari ta’ Anthony Xuereb lill-assi partikolari ta’ Maria Assunta Xuereb;

3. Tillikwida l-beni partikolari ta’ Anthony Xuereb billi tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni ta’ l-akkwisti assenjata lilu kif fuq ingħad u dawk l-assi parafernali li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legati ordnati minn Anthony Xuereb fit-testment tiegħu;

5. Tillikwida l-beni partikolari ta’ Maria Assunta Xuereb billi tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni ta’ l-akkwisti assenjata lilha kif fuq ingħad u dawk l-assi parafernali li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

6. Tahtar perit nominandi sabiex jistma l-assi ereditarji u jirrelata dwar id-diviżibilita’ o meno ta’ l-istess assi ereditarji;

7. Taħtar Nutar Pubbliku u tiffissa jum, ħin u lok, għall-pubblikazzjoni ta’ l-att ta’ diviżjoni opportun ta’ l-assi ereditarji kif ukoll tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

8. Fin-nuqqas u f’każ li jirriżulta li l-beni mhumiex kommodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna l-liċitazzjoni ta’ l-istess beni sabiex ir-rikavat jiġi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti spettanti lilhom .

L-intimati minn issa inġunti in subizzjoni, bl-ispejjeż kemm ġudizzjarji kif ukoll extra-ġudizzjarji inkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni ma’ din il-kawża, bl-imgħax u bir-riserva ta’ kull dritt u azzjoni skond il-Liġi .

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti Joseph Xuereb, Publius Xuereb, Mary Cauchi, u Michael Xuereb, kemm f'ismu proprju u f'isem oħtu imsiefra Tarcisja Camilleri, li permezz tagħha eċċepew illi:

1. Illi huma ma jopponux, u qatt ma opponew id-diviżjoni tal-assi ereditarji tal-ġenituri tagħhom, u għalhekk din il-kawża saret intempestivament, u inutilment.

2. Illi dan qiegħed ingħad interament mingħajr preġudizzju għall-proċeduri pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti intiżi sabiex iwasslu għal bejgħ, ai termini tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili ta’ art fi Triq Għajnsielem, Għajnsielem, Rikors Nru. 1/2006 fl-ismijiet ‘Joseph Xuereb et –vs- Zammit Agnes’, u għalhekk ir-rikors odjern ma jista’ b’ebda mod iservi sabiex jistalla, jissospendi, jew jistultifika dawk il-proċeduri, kif pretendiet u għadha tippretendi l-attriċi.

3. Illi għalhekk, la darba jirriżulta illi din il-kawża saret unikament bi skop vessatorju l-ispejjeż ta’ din il-kawża għandhom jiġu sopportati interament mill-attriċi.

4. Illi salv il-premess, l-esponenti jaqblu mal-kontenut tal-ewwel, it-tieni, u t-tielet paragrafu tad-dikjarazzjonijiet tal-attriċi. Il-kontenut tar-raba paragrafu qiegħed jiġi kontestat fis-sens illi mhux minnu illi l-esponenti rrifjutaw illi jiddividu l-assi ereditarji: huma lesti li jersqu għal tali diviżjoni, purke’ jiġi onorat il-konvenju ffirmat ma’ terzi għall-bejgħ tal-art indikata aktar ‘il fuq.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Gunju 2007 fejn innominat lill-A.I.C. Alan Saliba bħala perit tekniku ħalli jirrediġi pjanta tal-fondi in diviżjoni.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Marzu 2008 fejn ordnat lill-perit tekniku sabiex jagħmel ukoll stima u pjan ta' qasma tal-fondi in diviżjoni.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku ppreżentat fit-22 ta' Mejju 2008 u minnu maħluf fis-6 ta' Novembru 2008.

Rat ir-risposti ta' l-istess perit tekniku għad-domandi in eskussjoni li sarulu mill-attriċi permezz tan-nota tagħha tad-19 ta' Mejju 2009, minnu debitament maħlufa fit-3 ta' Gunju 2009.

Rat ir-risposti tal-perit tekniku għad-domandi in eskussjoni li sarulu mill-attriċi permezz tan-nota tagħha tas-17 ta' Lulju 2009, minnu debitament maħlufa fit-8 ta' Ottubru 2010.

Rat il-verbal tagħha ta' l-istess ġurnata fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa, u l-affidavits u dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi talbu l-likwidazzjoni u diviżjoni tal-beni appartenenti l-assi ereditarji tal-mejtin Anthony Xuereb u martu Maria Assunta nee' Bugeja, li mietu rispettivament fit-30 ta' Ottubru 1965[1] u fit-18 ta' Frar 2003.[2]

Illi Anthony Xuereb irregola s-suċċessjoni tiegħu in forza ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Galea tat-8 ta' Mejju 1963,[3] fejn apparti xi prelegati, li mhumiex relevanti għall-fini ta' din il-kawża, istitwixxa bħala eredi universali tiegħu lis-sitt uliedu kontendenti f'din il-kawża.

Illi martu Maria Assunta Xuereb mietet intestata u allura wirtuha skond il-liġi l-istess sitt uliedha kontendenti f'din il-kawża.

Illi l-partijiet mhumiex jaqblu dwar kif għandha ssir id-diviżjoni tal-beni formanti parti l-assi ereditarji tal-ġenituri tagħhom, għaliex l-attriċi qed tħossha żvantaġġjata bil-mod li qed jipproponu l-konvenuti, billi dawn qed jgħidu li fl-ewwel lok għandha tiġi assenjata lil kull wieħed/waħda minnhom id-dar li preżentement jokkupaw bħala d-dar residenzjali tagħhom. Imma l-attriċi ma' tridx li tingħata l-

---

[1] Dok. A a fol. 8 tal-process .
[2] Dok. F a fol. 28 .
[3] Dok. D a fol. 13 – 16 .

fond li attwalment jinsab f'idejha, kif qed jissuġġerixxu l-konvenuti, billi dan huwa sovrappost għal fond preżentement mikri lil terzi, u allura l-potenzjal tiegħu hija ferm limitata.

Jirriżulta mir-relazzjoni peritali illi l-proprjeta' mmobbli in diviżjoni, bil-valutazzjonijiet mogħtija, hija s-segwenti:

1. fond numru disgħa u tletin (39) Triq Għajnsielem, Għajnsielem, Għawdex, kif deskritt fir-relazzjoni fil-paragrafi 012 sa 021,[4] u muri fuq il-pjanta Dok. AF 7[5], stmat tal-valur ta' tlett mija u ħamsin elf euro (EUR 350,000); dan il-fond huwa preżentement okkupat mill-konvenuta Tarcisia Camilleri;

2. il-fond numru tmienja u tletin (38), bl-isem "Shalom", Triq Għajnsielem, Għajnsielem, Għawdex, kif deskritt fil-paragrafi 023 sa 030 tar-relazzjoni,[6] u muri fuq il-pjanta esebita bħala Dok. AF 8,[7] stmat tal-valur ta' mitejn u erbgħin elf euro (EUR 240,000), preżentement okkupat mill-familja tal-konvenut Publius Xuereb;

3. il-fond numru sebgħa u tletin (37), Triq Ghajnsielem, Għajnsielem, Għawdex, kif deskritt fil-paragrafi 034 sa 040 tar-relazzjoni u muri fuq il-pjanta Dok. AF 9,[8] stmat tal-valur ta' mija u sittin elf euro (EUR 160,000), preżentement okkupat minn ċerta Alida Bajada;

4. il-fond numru sebgħa u għoxrin (27), Triq il-Ġnien, Għajnsielem, Għawdex, kif deskritt fil-paragrafi 043 sa 050[9] u muri fuq il-pjanta esebita bħala Dok. AF 10[10], stmat tal-valur ta' tnejn u erbgħin elf euro (EUR 42,000); preżentement mikri lil terzi;

5. fond bla numru, fi Triq il-Ġnien, Għajnsielem, Għawdex, kif deskritt fil-paragrafi 054 sa

---

[4] a fol. 95 - 96 tal-process .
[5] a fol. 66 tal-process .
[6] a fol. 96 - 97 tal-process .
[7] a fol. 67 tal-process .
[8] a fol. 68 tal-process .
[9] a fol. 99 -100 tal-process .
[10] a fol. 69 tal-process .

060 tar-relazzjoni[11] u muri fuq il-pjanta Dok. AF 5[12], stmat tal-valur ta' tliet mija u għoxrin elf euro (EUR 320,000), preżentement okkupat mill-konvenut Joseph Xuereb;

6. il-fond numru sebgħa (7) Triq Anglu Grech, Għajnsielem, Għawdex, kif deskritt fil-paragrafi 064 sa 070,[13] u muri fuq il-pjanta Dok. AF1,[14] stmat tal-valur ta' erbgħa u tmenin elf euro (EUR 84,000), preżentement okkupat mill-konvenut Michael Xuereb;

7. fond bla numru fi Pjazza tad-Dehra, Għajnsielem, Għawdex, kif deskritt fil-paragrafi 074 sa 079 tal-proċess,[15] u muri fuq il-pjanta Dok. AF 3,[16] stmat tal-valur ta' tmienja u disgħin elf euro (EUR 98,000);

8. fond bla numru jismu "Italia Mia", Pjazza tad-Dehra, Għajnsielem, Għawdex, kif deskritt fir-relazzjoni peritali fil-paragrafi 083 sa 089,[17] u muri fuq il-pjanta Dok. AF 2[18], stmat tal-valur ta' mija u sittax-il elf euro (EUR 116,000), preżentement okkupat mill-konvenuta Mary Cauchi;

9. il-fond numru erbgħa u għoxrin (24) Triq Fuq il-Għajn, Għajnsielem, Għawdex, kif deskritt fir-relazzjoni peritali fil-paragrafi 093 sa 098,[19] u muri fuq il-pjanta Dok. AF4[20], stmat tal-valur ta' mija u sittax-il elf euro (EUR 116,000); dan il-fond jinfed mal-fond deskritt fil-paragrafu preċedenti;

10. il-fond numru tlieta u erbgħin (43), Triq Ħamri, Għajnsielem, Għawdex, kif deskritt fil-paragrafi 102 sa 108 tar-relazzjoni,[21] u muri fuq il-pjanta esebita

[11] a fol. 100 - 101 tal-process .
[12] a fol. 64 tal-process .
[13] a fol. 102 - 103 tal-process .
[14] a fol. 60 tal-process .
[15] a fol. 103 - 104 .
[16] a fol. 62 .
[17] a fol. 104 -105 tal-process .
[18] a fol. 61 .
[19] a fol.105 – 106 .
[20] a fol. 63 .
[21] a fol. 107 - 108 tal-process .

bħala Dok. AF 6[22], stmat tal-valur ta' sittin elf euro (EUR 60,000), preżentement mikri lil terzi;

11. il-fond numru erbgħa u erbgħin (44), Triq Ħamri, Għajnsielem, Għawdex, kif deskritt fil-paragrafi 112 sa 118 tar-relazzjoni peritali, u muri fuq il-pjanta Dok. AF 6,[23] stmat tal-valur ta' mija u ħamest elf euro (EUR 105,000), preżentement f'idejn l-attriċi;

12. raba "Ta' Ras it-Telgħa", sive "ta' Ġnien Migarro" limiti ta' Għajnsielem, Għawdex, kif deskritta fil-paragrafi 112 sa 125 tar-relazzjoni,[24] u murija fuq il-pjanta DOK. AS1,[25] stmata tal-valur ta' tnax-il elf euro (EUR 12,000);

13. raba' "ta' Taħt il-Belt", Għajnsielem, Għawdex, deskritta fir-relazzjoni peritali fil-paragrafi 129 sa 132 tal-proċess,[26] u murija fuq il-pjanta esebita bħala Dok. AS 2[27], stmata tal-valur ta' ħamest elef euro (EUR 5000);

14. art fi Triq Għajnsielem, Għajnsielem, Għawdex, li kienet ġiet stmata fil-kawża bejn l-istess partijiet quddiem din il-Qorti wkoll (Rikors numru 1/2006) tal-valur ta' erba' mija u tnejn u erbgħin elf, ħames mija u wieħed u tmenin euro (EUR 442,581), kif murija fuq il-pjanta Dok. AF 11[28] ;

- għal valur totali dawn il-beni ta' żewġ miljuni mija u ħamsin elf ħames mija wieħed u tmenin euro (EUR 2,150,581).

Il-konvenuti, kif ġia ngħad, qed jippretendu illi huma jingħataw b'assenjazzjoni, l-fondi rispettivament okkupati minnhom, billi fil-maġġior parti dawn huma r-residenzi personali tagħhom u matul is-snin għamlu fihom diversi

[22] a fol. 65 .
[23] a fol. 65 .
[24] a fol. 109 tal-process .
[25] a fol. 121 tal-process .
[26] a fol. 129 – 132 .
[27] a fol. 122 tal-process .
[28] a fol. 73 .

benefikati a spejjeż tagħhom. Minkejja li ma qalu xejn f'dan ir-rigward fin-nota ta' l-eċċezzjonjiet tagħhom, jidher illi pretensjoni simili tista' titqajjem fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, u tista' anke tiġi kkonsidrata mill-qorti minn jeddha. Dan għaliex, kif intqal fil-ġurisprudenza: "*Id-dritt ta' ozjoni għandu jiġi mitlub, imma anki jekk ma jiġix mitlub, il-Qorti tista' tordna din l-assenjazzjoni, indipendentement minn kull dritt ta' ozjoni*." [29] L-attriċi pero' topponi bil-qawwa kollha għal dan, peress illi hija wkoll tixtieq li tieħu proprjeta' per assenjazzjoni, partikolarment parti mill-art fi Triq Għajnsielem, Għajnsielem, kif propost mill-perit minnha inkarigat l-A.I.C. John Saliba,[30] ġialadarba, kuntrarjament għal ħutha, m'hi qed tokkupa ebda fond minn dawk in diviżjoni bħala r-residenza tagħha.

Imma l-konvenuti ma jaqblu xejn ma' dan għax jikkontendu illi jekk din l-art kellha tinqasam kif qed tipproponi l-attriċi, kienet ser titlef ħafna mill-valur tagħha, u għalhekk huma tal-fehma illi din l-art għandha tinbiegħ kif inhi bħala biċċa art waħda in liċitazzjoni, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti kollha. Ta' l-istess fehma kien il-perit tekniku, kif spjega fir-risposta tiegħu għad-domandi in eskussjoni,[31] u din il-Qorti tikkondividi l-istess opinjoni.

Fir-rigward ta' diviżjoni ta' wirt japplikaw ir-regoli stabiliti fl-artikoli 906 sa 912, kif ukoll is-Sub-Titoli II u III tat-Titolu V tal-Ewwel Parti tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), flimkien ma' l-artikolu 908 sa 912 ta' l-istess kodiċi.

Dwar il-kwistjoni jekk il-porzjonijiet rispettivi tal-kondividenti, għandhomx jiġu stabiliti billi tittella' x-xorti jew inkella b'assenjazzjoni, l-artikolu 510 jistabilixxi:

**(1) L-isħma jiġu mtellgħin bix-xorti.**

**(2) Iżda, kemm-il darba l-isħma tal-partijiet li jkunu qegħdin jaqsmu ma jkunux indaqs, il-qorti**

---

[29] Giovanni Bugeja vs Sac. Prof. Don Pietro Paolo Saydon : kollez. Vol.XXXII. i. 368) .
[30] ara pjanta Dok. AZ p a fol. 159 tal-process .
[31] ara para. 11 tar-risposti a fol. 162 tal-process .

**tiddeċidi jekk l-isħma għandhomx jiġu mtellgħin bix-xorti, jew jekk il-qsim għandux isir b'assenjazzjoni għal kollox jew f'parti.**

Fil-każ in eżami, l-isħma tal-kondividenti huma kollha ndaqs, u allura skond is-sub-inċiż wieħed ta' dan l-artikolu, l-porzjonijiet rispettivi għandhom jiġu stabiliti bix-xorti. Għalkemm mill-kliem użat fil-liġi jidher illi meta l-isħma huma ugwali il-qasma permezz tax-xorti hija tassattiva, il-konvenut Michael Xuereb, filwaqt illi jiċċita ġurisprudenza lokali f'dan ir-rigward,[32] jgħid illi din ir-regola mhix inderogabbli, imma hija biss gwida għall-bon arbitriju tal-espert jew persuna oħra li tkun qegħda tidderiġi pjan ta' diviżjoni.[33] Fis-sentenza minnu ċitata, jidher illi l-Qorti waslet biex tapplika l-assenjazzjoni, billi sabet diffikolta' tiddividi bix-xorti, għax riedet issir xi imputazzjoni minn xi wħud mill-kondividenti. Dan pero' żgur li mhux il-każ fil-kawża preżenti. Ingħad dwar l-artikolu 996 tal-Kodiċi Ċivili taljan tal-1865, li fit-tieni parti tiegħu huwa identiku għall-artikolu 510 tal-Kodiċi tagħna, illi: "*Dal momento che, quando i condividenti succedono in parti eguali, non vi e' a valutare rapporti fra quota e quota in relazione agli interessi di colui che ha diritto a piu' quote, l'art. 996, capoverso, del codice civile trova applicazione solo nel caso in cui i condividenti succedono in parti disuguali;* ***tutte le volte che succedono in parti eguali e' solo col sorteggio che si deve procedere***." [34]

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-artikolu 510 tal-Kap. 16, bħal dak hawn ċitat fil-liġi taljana, huwa ċar biżżejjed u ma jħalli lok għall-ebda interpretazzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti mhux ġust u ekwu li wħud mill-kondividendi, meta kollha tħallew isħma ndaqs, għandhom jiġu preferuti fuq l-oħrajn, sempliċement għax inzertaw qed jokkupaw xi fondi partikolari għad-detriment tal-kondividendi l-oħra. Terġa' l-liġi tagħna stess fl-artikolu 503 li jitkellem dwar l-assenjazzjoni, tikkwalifika d-dritt għat-talba ta' l-

---

[32] Prim'Awla : Rosina Camenzuli noe. et vs Evangelista Perez et. : 22.02.1947 (kollez. Vol. XXXIII. ii. 32) .
[33] ara Nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu
[34] Digesto Italiano vol. XXII pte. IV voce Azioni Ededitarie par. 58(b) pag. 666; enfasi ta' din il-qorti .

assenjazzjoni għaċ-ċirkostanza ta' "*kemm-il darba jkun hemm immobbli oħra in komun li minnhom jista' jiġi assenjat lil kull wieħed mill-kompropjetarji l-oħra sehem bejn wieħed u ieħor ugwali*." Fil-każ tagħna jirriżulta illi l-beni li l-konvenuti qed jipproponu li jiġu assenjati lill-attriċi bħala parti minn sehmha minn din id-diviżjoni, mhumiex aċċettabbli għaliha, u dan minħabba l-iskop ferm limitat li jista' jsir minnhom, tenut kont illi wieħed minn dawn il-fondi jinsab mikri lil terzi, u l-ieħor jinsab sovvrapost in parti fuqu u f'kundizzjoni xejn tajba.[35] F'tali ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti tqis li l-qasma kif proposta mill-konvenuti m'hi xejn ġustifikabbli u jkun wisq iżjed xieraq li, ħlief għall-art fi Triq Għajnsielem, li jaqbel għal kulħadd li ma tiġix diviża u għandha għalhekk tinbiegħ bis-subbasta, il-fondi l-oħra jinqasmu bejn il-kondividendi bix-xorti. Jirriżulta li fil-mori tal-kawża, il-konvenut Michael Xuereb assenja b'titolu ta' donazzjoni s-sehem indiviż tiegħu mill-art fi Triq Għajnsielem, lin-neputija tiegħu Ottavia Cauchi.[36] Għall-fini pero' ta' din id-diviżjoni, dan il-kuntratt, huwa *res inter alios acta*, kif anke ikkonferma l-istess Michael Xuereb fir-risposta tiegħu tal-24 ta' Settembru 2010 għar-rikors ta' l-attriċi tad-19 ta' Settembru 2010, u għalhekk ser jiġi injorat għal kollox.

Għaldaqstant, fil-każ in eżami din il-Qorti sejra tiddividi l-beni in diviżjoni, apparti l-art fi Triq Għajnsielem, li kif ingħad għandha tiġi liċitata, f'sitt porzjonijiet kemm jista' jkun ugwali, u fejn mhumiex, tapplika l-ekwiparazzjoni, sabiex imbagħad tkun tista' tittella x-xorti bejn l-aħwa kondividenti kollha, ħalli kull wieħed/waħda minnhom ikun jista' jieħu sehem indaqs mill-beni ereditarji.

L-assi in diviżjoni, jekk titħalla barra l-art fi Triq Għajnsielem, għandhom valur globali, kif stabilit mill-perit tekniku, fis-somma ta': miljun seba' mija u tmient elef euro (EUR 2,150,581 – EUR 442,581 = EUR 1,708,000), li jekk tiġi diviża b'sitta (skond kemm hemm isħma) iġġib: mitejn

---

[35] ara rapport peritali .
[36] ara kuntratt in atti Nutar Dr. Kristen Dimech tad-19.04.2007, kopja ta' liema ġiet esebita bħala Dok. ZA 1 flimkien mar-Rikors ta' l-attriċi tat-8 ta' Lulju 2010 .

erba' u tmenin elf sitt mija sitta u sittin euro (EUR 284,666) kull sehem.

Il-Qorti ser tgħaddi issa għalhekk biex taqsam hija stess dawn il-beni f'sitt lottijiet kemm jista' jkun ugwali a tenur ta' l-artikolu 504 tal-kap. 16:

**L-ewwel porzjon:**

Dan għandu jikkonsisti fil-fond numru disgħa u tletin (39) Triq Għajnsielem, Għajnsielem, stmat : EUR 350,000, u għalhekk irid jagħti bħala ekwiparazzjoni : EUR 65,334.

**It-tieni porzjon:**

Dan għandu jikkonsisti fil-fond numru tmienja u tletin (38) Triq Għajnsielem, Għajnsielem, stmat : EUR 240,000, flimkien mal-fond sebgħa u għoxrin (27) Triq il-Ġnien, Għajnsielem, stmat EUR 42,000, u għalhekk irid jieħu bħala ekwiparazzjoni: EUR 2666.

**It-tielet porzjon:**

Dan għandu jikkonsisti fil-fond numru sebgħa u tletin (37), Triq Għajnsielem, Għajnsielem, stmat : EUR 160,000; flimkien mal-fond bla numru jew isem fi Pjazza tad-Dehra, Għajnsielem, stmat EUR 98,000, u jieħu bħala ekwiparazzjoni : EUR 26,666.

**Ir-raba' porzjon:**

Dan għandu jikkonsisti fil-fond bla numru jew isem fi Triq il-Ġnien, Għajnsielem, stmat : EUR 320,000, u jagħti bħala ekwiparazzjoni : EUR 35,334.

**Il-ħames porzjon:**

Dan għandu jikkonsisti fil-fond numru sebgħa (7) Triq Anglu Grech, Għajnsielem, stmat : EUR 84,000, flimkien mal-fond numru tlieta u erbgħin (43) Triq Ħamri, Għajnsielem, stmat EUR 60,000, il-fond numru erbgħa u erbgħin (44) fl-istess triq, stmat EUR 105,000 u r-raba

magħrufa "ta' taħt il-Belt", limiti ta' Għajnsielem, stmata EUR 5,000 u jieħu bħala ekwiparazzjoni : EUR 30,666.

**Is-Sitt porzjon:**

Dan għandu jikkonsisti fil-fond "Italia Mia", fi Pjazza tad-Dehra Għajnsielem, stmat : EUR 116,000, il-fond numru erbgħa u għoxrin (24) Triq fuq il-Għajn, Għajnsielem, stmat EUR 116,000 u r-raba magħrufa "Ta' Ras it-Telgħa" limiti ta' Għajnsielem, stmata EUR 12,000, u jieħu bħala ekwiparazzjoni : EUR 40,666.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. tilqa' l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba u l-ħames talba, u tiddikjara illi l-assi in diviżjoni provenjenti lill-kondividendi mill-ereditajiet tal-ġenituri tagħhom il-mejtin Anthony u Maria Assunta konjuġi Xuereb, jikkonsistu f'dawk il-beni deskritti hawn fuq f'din is-sentenza;

2. tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba billi din ġia ntlaqgħet fil-mori tal-kawża,

3. tilqa' is-seba’ talba u taqsam dawn il-beni ndikati hawn fuq, ħlief għall-biċċa art fi Triq Għajnsielem, Għajnsielem, f'sitt porzjonijiet ugwali, kif stabilit hawn fuq f'din l-istess sentenza; u tinnomina lin-Nutar Dottor Enzo Dimech sabiex jagħmel l-att opportun ta' diviżjoni billi, wara li tittella' x-xorti bejn il-kondividendi għas-sitt porzjonijiet hawn fuq stabiliti, jiġi assenjat lil kull wieħed u waħda minnhom wieħed minn dawn il-porzjonijiet. Tiffissa l-jum tas-Sibt 4 ta' Diċembru 2010 fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għal dan il-kuntratt li għandu jsir fl-uffiċċju ta' l-istess nutar, u tinnomina lill-avukat Dottor Joshua Grech bħala kuratur sabiex jidher għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess kuntratt;

4. tilqa' wkoll in parti it-tmien talba u tordna l-bejgħ in liċitazzjoni ta' l-art fi Triq Għajnsielem, Għajnsielem, Għawdex, sabiex ir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kondividendi kollha.

L-ispejjeż tal-kawża, billi din hija waħda ta' likwidazzjoni u diviżjoni ta' assi ereditarji, għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn is-sitt kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------